

4 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

Nista' nappella?

F'każ ta' kontravvenzjoni, tista' tappella kontra ċerti sentenzi tat-Tribunal tal-Pulizija (*tribunal de Police*) u tal-Qorti Distrettwali (*la juridiction de proximité*) fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta jingħataw, quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali.

F'każi penali, tista' tappella kontra s-sentenza tal-Qorti Kriminali fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta tingħata, quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali.

F'każi kriminali, tista' tappella kontra d-deċiżjoni ta' kundanna tal- *Cour d'Assises* fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta tingħata, quddiem *Cour d'Assises* oħra.

Tista' tappella kemm kontra sentenzi mogħtija fuq azzjoni pubblika (piena) kif ukoll kontra sentenzi mogħtija fuq azzjoni ċivili (danni u interessi mogħtija lill-vittma).

Tista' wkoll tressaq appell ta' kassazzjoni kontra sentenzi mogħtija fl-appell u sentenzi mogħtija fl-aħħar istanza, quddiem l-Awla Kriminali tal-Qorti ta' Kassazzjoni, fi żmien ħamest ijiem sħaħ wara li tkun ingħatat id-deċiżjoni kkontestata.

Il-Qorti ta' Kassazzjoni, bħala qorti suprema, tagħti d-deċiżjoni tagħha fi żmien determinat dwar l-ammissibbiltà tar-rikors ; jekk ir-rikors jitqies ammissibbli, il-Qorti ta' Kassazzjoni tagħti d-deċiżjoni tagħha biss dwar l-applikazzjoni tal-liġi u ma tidħolx fil-merti tal-kwistjoni.

Il-preżentata ta' appell jew ta' rikors trid issir fir-reġistru tal-Qorti li tkun tat id-deċiżjoni kkontestata jew lill-kap tal-faċilità korrettiva jekk tkun detenut.

Fil-każijiet kollha, bilfors trid tiffirma l-preżentata.

X'jiġri meta nappella?

Matul ir-rikors u waqt l-istanza tal-appell, jew matul il-perjodu tar-rikors u waqt l-istanza ta' kassazzjoni, fil-prinċipju, l-eżekuzzjoni tas-sentenza kkontestata tkun sospiża.

Madanakollu, jekk ġejt ikkundannat għal piena li ċċaħħad il-libertà u mbagħad ġejt miżmum f'detenzjoni, ir-rikors magħmul kontra d-deċiżjoni kkontestata ma għandux l-effett li jtemm id-detenzjoni matul l-istennija tad-deċiżjoni l-għdida.

Mill-ġurnata li fiha tiġi rreġistrata l-preżentata tal-appell jew tar-rikors mill-Qorti inkwistjoni, is-smiġħ irid isir fi żmien "raġonevoli".

X'jiġri fis-smiġħ ta' appell jew ta' kassazzjoni?

Peress li l-proċedura kriminali hija waħda verbali, ikollok il-possibbiltà li tippreżenta u tiżviluppa metodi u elementi ta' provi ġodda matul is-smiġħ tal-appell, li jkunu soġġetti għal dibattitu mill-partijiet kollha.

Il-Qorti tal-Appelli Penali jew il-Cour d'Assises li jridu jiddeċiedu dwar l-appell jistgħu kemm jikkonfermaw id-deċiżjoni kif ukoll jannullawha.

F'ċerti sitwazzjonijiet biss, b'mod partikolari f'dawk fejn il-Ministeru Pubbliku seta' jippreżenta appell prinċipali jew inċidentali, tkun tista' tappella sabiex il-piena inizjali mogħtija tkun aktar severa kif ukoll biex ikun hemm żieda fil-kumpens mitlub mill-parti ċivili (il-vittma) għad-danni.

Il-Qorti ta' Kassazzjoni li tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tal-liġi tista' tannulla u trendi d-deċiżjoni kkontestata ineffettiva kemm permezz tar-rinviju tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Appell kif ukoll mingħajru.

Sentenza qatt ma tkun definittiva qabel ma jkun skada l-perjodu li fih wieħed ikun għadu jista' jagħmel appell.

Jekk fi tmiem l-appell kontra d-deċiżjoni inizjali ta' kundanna, jiġi deċiż li inti għandek tkun illiberat permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell li saret definittiva, tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, titlob kumpens sħiħ għall-ħsara materjali u morali kkawżata minn din id-detenzjoni "arbitrarja".

Int tkun infurmat bid-dritt li tikseb kumpens meta tiġi nnotifikata s-sentenza ta' rilaxx jew ta' liberazzjoni.

Sabiex tagħmel dan, għandek żmien 6 xhur minn meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni ta' rilaxx jew ta' liberazzjoni biex tippreżenta appell, permezz ta' rikors, quddiem l-Ewwel President tal-Qorti tal-Appell fil-Qorti fejn tkun ingħatat is-sentenza.

Dan tal-aħħar jiddeċiedi dwar it-talba għal kumpens permezz ta' deċiżjoni motivata, li ssir wara smiġh pubbliku, u li matulu tkun tista' titlob li tinstema' personalment jew inkella permezz tal-avukat tiegħek.

Id-deċiżjoni tal-Ewwel President tal-Qorti tal-Appell tista' tkun soġġetta għal rikors quddiem il-Kummissjoni Nazzjonali "ta' kumpens għad-detenzjonijiet" (*la Commission Nationale "de réparation des détentions"* - CNR) fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta tkun notifikata.

Il-CNR tiddeċiedi b'mod sovrän u tagħti deċiżjoni li ma tistax tiġi appellata.

Il-kumpens li jingħata għandu jitħallas mill-Istat.

X'informazzjoni jkun hemm fil-kondotta?

Jekk fi tmiem l-appell jew ir-rikors ta' kassazzjoni, tkun ikkundannat għal piena permezz ta' deċiżjoni li saret definittiva, il-kundanna mogħtija tiddaħħal fil-kondotta tiegħek miżmuma mill-amministrazzjoni ġudizzjarja tal-pajjiż tal-orijini tiegħek.

Jien ċittadin ta' Stat Membru. Nista' nintbagħat lura wara l-proċess?

Skont il-Konvenzjoni dwar it-Trasferiment ta' Persuni Kkundannati tal-21 ta' Marzu 1983, it-trasferiment lejn il-pajjiż tal-orijini tiegħek jista' jintalab kemm minn dan il-pajjiż kif ukoll minn Franza, l-Istat li ħareġ il-kundanna.

Madanakollu, it-tweqqi ta' dan it-trasferiment jeħtieġ il-kunsens tiegħek minn qabel, permezz ta' deċiżjoni ħielsa u infurmata, jiġifieri inti jkollok informazzjoni sħiħa u preċiża dwar il-konsegwenzi tat-trasferiment.

Barra minn hekk, personalment tista' titlob trasferiment volontarju lejn il-pajjiż tal-orijini tiegħek. Sabiex tintlaqa' t-talba tiegħek, jeħtieġ li jiġu sodisfatti diversi kundizzjonijiet.

Jekk inkun ikkundannat, nista' nerġa' niġi ġġudikat għall-istess fatti?

Skont ir-regola "*Non bis in idem*" li tirregola d-dritt kriminali Franċiż, jekk ġejt iġġudikat u mbagħad ikkundannat permezz ta' deċiżjoni li saret *res judicata* fi Stat Membru, la tista' tkun akkużat u lanqas ikkundannat għall-istess fatti, fi Stat Membru ieħor.

■ L-aħħar aġġornament: 05/09/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.